XEWKIJA

**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 36**
***10 ta' Gunju 2015 fl-5:30p.m.***

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fl-5:55p.m.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |
| Sinjura Jeanelle Attard | Kunsilliera |
| Sur George Zammit | Kunsillier |
| Hubert Saliba | Kunsillier |

**Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Sinjura Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

Intqghalet it-Talba

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 34 u 35 tqassmu qabel u gew approvati.

2. **Ħatra ta' Vici-Sindku u Kunsillier**

Il-kunsilliera Domenic Zerafa accetta l-kariga ta' Vici Sindku. Hubert Saliba gie elett ukoll kunsillier skond l-elezzjoni kazwali li saret fl-Ufficcju Elettorali fis-26 ta' Mejju. Is-sindku awgura lil kunsilliera tal-kariga gdida taghhom u biex flimkien nahdmu ghal gid tar-rahal tax-Xewkija. Il-kunsilliera ser jiehdu il-gurament fil-granet li gejjien.

3. **Kwotazzjonijiet**

Il-kunsill ircieva l-Kwotazzjonijiet tal-PA system tal-Fiori d'Argenta. Il-kunsill għazel l-orħos waħda.

6. **Affarijiet Oħra**

Il-kunsillier Domnic Zerafa gibed l-attenzjoni li hemm bzonn jinqata' l-hedges ta' hdejn il-playing field ta' Triq il-Ħamrija. Is-segretarja ser tagħmel kuntatt mal-ħaddiema.

Il-kunsillier George Zammit infurma li meta jkun ir-rih Triq Widnet il-Bahar u hdejn il-blocks tkun mimlija bil-weraq tas-sigar. Il-kunsilliera Jeanelle Attard infurmat biex id-dawra tal-purcissjoni titnaddaf mill-haxix u knis. Kif ukoll l-isqaq fi Triq Santa Katerina. Is-segretarja ser tinfurma lil Kuntrattur.

Il-kunsilliera Hubert Saliba u Domnic Zerafa gibdu l-attenzjoni li hemm bzonn ta' qtugħ tal-ħaxix fl-area tal-Ħorob. Is-segretarja ser tinfurma lill-Ħaddiema.

Il-kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet meta Triq San Bert ser tkun lesta. Is-sindku infurma li wara l-festa ser titkompla. Il-kunsillier Hubert Saliba issugerixxa li titranga l-parti tat-triq hdejn George Xerri temporarja minhabba l-marc.

Il-kunsillier George Zammit gibet l-attenzjoni li hemm it-terrepien u imbarazz fl-ghalqa fi Triq il-Hamrija. Il-kunsill ser jara mal-Ministeru ghal Ghawdex peress li din taqa' taht ir-responsabilita' taghhom.

Il-kunsillier George Zammit gibet l-attenzjoni ukoll li r-rampi li saru fil-blocks tal-Hamrija huma perikuluzi u qed jaqu n-nies. Hu qal ukoll li min ikun b'wheelchair issib diffikulta' biex jghaddi. Is-Sindku nfurma lil kunsill li l-kaz qieghed il-qorti.

Il-kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet rigward it-tabelli li gew maqluha fi Triq l-Indipendenza. Is-segretarja ghamlet kuntatt dak il-hin ma' TM u dan peress li ser jibdew ir-rottot il-godda. Ser jitqassmu ukoll min-naha ta' TM leaflets fid-djar rigward dan. Il-kunsillier Hubert Saliba issugerixxa li jsir tip ta' zigzag f'din it-triq. Il-kunsill ser jara fuq dan.

Il-kunsillier Domnic Zerafa infurma li hemm bzonn jinbidlu t-tabelli fi Triq il-Hamrija peress li mhux cari. Ser issir ilment lil customer care peress li din Triq arterjali.

Il-kunsillier George Zammit ssugerixa li tabelli li neqsin jew qodma ghandhom jinbidlu immedjatament. Is-sindku infurma li qed jigu ordnati ohrajn meta dan ikun il-kas.

Is-sindku nfurma lil kunsilliera li s-slides li jinsabu fil-playing field fi Triq il-Hamrija u ta' Gokk huma perikuluzi. Il-kunsill qabel li ta'Triq il-Hamrija tinqala u tintrema' u ta' Gokk tigi irrangata.

Il-kunsillier George Zammit issugerixxa li l-quddiem jigu mibdula l-globi tal-pjazza.

Is-segretarja staqsiet lil kunsilliera prezenti jekk jaqblux li jinghata l-amount kollu tal-allowance ta' Gunju jew inkella le lil kunsilliera li kienu javzaw minn qabel lis-segretarja li ma jkunux jistghu jattendu minhabba ragunijiet personali biex jkunu skuzati. Il-kunsilliera prezenti qablu li ghandhom jiehdu l-amount kollu peress li kienu skuzati. Il-kunsilliera qablu ukoll li kulhadd ghandu jara li jattendi kemm jista' jkun ghal laqghat kollha sakemm ma jkunx hemm raguni valida.

Is-segretarja nfurmat lil-kunsilliera li regghet harget l-iskema A+Accessibility Award. Il-kunsilliera qablu li ghandha terggha issir applikazzjoni ohra fuq il-latrina tal-Pjazza San Gwann Battista. Is-segretarja ser tiehu hsieb din l-applikazzjoni.

XEWKIJA

Is-sindku nfurma lil kunsilliera li trid tinhareg offerta tal-lift u furnishing tal-kunsill il-gdid fi Triq Santa Katerina. Hu kompla jghid li skont parir tal-accountant tal-kunsill, il-kunsill huwa f'pozizzjoni li jhallas dan. Is-sindku qal li kieku sew jinzamm ukoll l-premises tal-kunsill prezenti bhala assist. Hu kompla jghid li x-xoghol fejn jirrigwardja r-responsibilita' tal-Ministeru ghal Ghawdex ser jithallas lil kunsill biex tinhareg tender wahda. Il-kunsilliera qablu fuq dan kollu.

## 6 Korrispondanza: il-korrispondenza giet cirkulata u diskussa

Mill-korrispondenza

i. Invit mingħand il-Ministeru ghal Ghawdex dwar l-inawgurazzjoni tal-Floodlighting System fil-knisja tax-Xewkija.
ii. Ittra mingħand il-Kumitat Żgħażagħ brijużi Xewkija dwar il-kontroll tat-traffiku minhabba l-Umbrella tal-festa.
iii. Cirkulari AKL 27/2015 – dwar laqgħat ta' informazzjoni.
iv. Ittra mingħand MCCAA dwar 'Use of chemicals in the control of weeds in public places'
v. Ittra mingħand Socjeta Filarmonika Prekursur dwar wirja u edizzjoni limitata ta' incenzjoni ghal bejh. Il-Kunsill ser jigbor aktar informazzjoni fuq l-incenzjoni.
vi. Petizzjoni fuq Triq il-Mitħna biex issir one way. Il-Kunsill ma qabilx fuq dan.
vii. Ittra mingħand id-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar seminar fuq attivitajiet Kulturali.
viii. Ittra mingħand Go plc dwar il-Pay Phones fix-Xewkija.
ix. Itrra mingħand NCPE dwar Traning sessions. Is-Segretarja attendit.
x. Korrispondenza mingħand TM dwar laqgħa ta' Trasport Pubbliku.
xi. Korrispondenza mingħand Assoċċjazzjoni Kunsili Lokali dwar tqassim tal-linja cards.
xii. Ittra mingħand Lorraine Callus rigward road show activity tal-hut.
xiii. Memo 12/2015 dwar Awguri u ringrazzjament tas-servizz li tajtu lill-komunita'.
xiv. Ittra mingħand id-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar hatra tal-Viċi Sindku.
xv. Ittra mingħand minghand Education, Audiovisual and Culture Executive Agency dwar 'Europe for citizen programm 2014-2020'.

## 7. Kontijiet

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

XEWKIJA

8. **<u>Tmiem il-Laqgħa</u>**

Il-Laqgħa spiccat fis-6:30p.m. Il-Laqgħa ta' Gunju ser issir fl-23 ta' Gunju fil-5:30pm.

Sue-Ellen Bugeja — Segretarju Eżekuttiv

Paul Azzopardi — Sindku